



Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2016/0030(COD)

14.9.2016

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jirrevoka r-Regolament (UE) Nru 994/2010 (COM(2016)0052 – C8-0035/2016 – 2016/0030(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Tomasz Piotr Poręba

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Sa mill-adozzjoni tar-Regolament 994/2010, l-UE wettqet progress fl-integrazzjoni tas-suq intern tal-gass, u wittiet it-triq għal soluzzjonijiet ġodda li għandhom jiġu introdotti biex tiġi żgurata l-provvista fis-suq komuni. Madankollu, l-esperjenza wriet li l-impatt tal-kriżijiet tal-gass ċikliċi li jaffettwaw l-Ewropa jmur lil hinn mill-Istati Membri individwali u għandu konsegwenzi għall-UE kollha tul il-katina tal-provvista. Minkejja dan, il-livell ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri kien spiss insuffiċjenti.

Ir-regoli attwali jipprovdu biss livell minimu ta' protezzjoni għas-swieq nazzjonali tal-gass: dawn jippermettu s-salvagwardja tal-Istati Membri kontra avvenimenti ta' natura teknika jew li jirriżultaw minn xokkijiet min-naħa tad-domanda, iżda bl-ebda mod ma jindirizzaw il-problema reġjonali prinċipali, jiġifieri r-riskju politiku.

Barra minn hekk, it-tensjonijiet politiċi li r-Russja kkawżat fir-relazzjonijiet mal-Ukraina qajmu l-ħtieġa għal bidla fil-mod li bih titqies il-kwistjoni tas-sigurtà tal-provvista tal-gass fl-UE. L-inċertezza riżultanti attwalment fir-rigward tal-provvista tal-gass qed iġġaghna nieħdu miżuri biex nivvalutaw il-livell ta' sigurtà attwali ta' provvista tal-gass tal-UE u l-possibiltajiet għat-titjib tiegħu.

Għalhekk nilqa' b'sodisfazzjon l-approċċ ġdid adottat fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista u l-proposti intiżi li jistabilixxu mekkaniżmi ġodda msaħħa għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. B'mod partikolari ta' min jinnota huma l-proposti rigward l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-solidarjetà u t-tishiġ tal-valutazzjonijiet tar-riskju u tal-ippjanar nazzjonali u reġjonali.

Ninsab konvint li t-twaqqif ta' gruppi reġjonali fi ħdan l-UE se jgħin biex tissaħħa il-kooperazzjoni u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri u tittejjeb is-sigurtà tal-provvista tal-gass lejn l-UE, kif ukoll tissaħħa l-effikaċja tar-Regolament innifsu.

L-approċċ mhux obligatorju, minn isfel għal fuq, għall-kooperazzjoni reġjonali applikat s'issa ma kienx effikaċi fil-prattika. Għad hemm limiti serji fir-rigward tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri marbuta man-nuqqas ta' possibiltajiet fil-qasam tal-kooperazzjoni fil-livell transnazzjonali. Il-proposta ta' kriterji trasparenti għad-definizzjoni tar-reġjuni u ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni konkreti se tikkontribwixxi ċertament għad-diversifikazzjoni tas-sorsi u r-rotot tal-provvista, li hija essenzjali f'każ ta' emerġenza.

Approċċ reġjonali huwa importanti wkoll minħabba l-ħtieġa li l-impatt ta' sitwazzjonijiet potenzjali ta' kriżi fil-pajjiżi differenti tal-UE jkun distribwit b'mod ugwali. Interruzzjoni kbira fil-provvista tal-gass mil-Lvant għandha impatt sinifikanti madwar l-UE iżda l-piż tal-kriżi huwa mqassam b'mod irregolari.

It-tishiġ tal-koordinazzjoni reġjonali, madankollu, abbażi ta' standards uniformi relatati mal-provvista u l-infrastruttura stabbiliti fil-livell tal-UE, f'każ ta' nuqqas ta' gass, se jagħti l-Istati Membri għodod konkreti li bihom jimmaniġġjaw l-impatt ta' kriżi kkawżata minn tfixkil fis-sistema tal-provvista jew minn xi domanda li tkun eċċezzjonalment qawwija.

It-tishiġ tar-reżiljenza għat-tfixkil fil-provvista li jirriżulta minn azzjoni politika se jsahha ir-reżiljenza tal-UE kollha kemm hi għat-tfixkil fil-provvista ta' gass naturali, filwaqt li l-

estensjoni tal-kooperazzjoni reġjonali u l-użu ta' mekkaniżmi ta' rispons għall-kriżijiet, abbażi ta' valutazzjonijiet imħejja b'mod konġunt, se jagħtu lill-Istati Membri l-għodda li biha jħejju ruħhom għal kwalunkwe nuqqas ta' gass.

Nixtieq nissottolinja wkoll l-inklużjoni tal-prinċipju ta' solidarjetà permezz tal-introduzzjoni ta' mekkaniżmu li jiggarantixxi provvista ta' prijorità lid-djar, l-istallazzjonijiet tat-tisħin u s-servizzi soċjali essenzjali (eż. sptarijiet u skejjel) fl-Istati Membri li qed jiffaċċjaw kriżi fil-provvista tal-gass, anki jekk dan inaqas il-konsum tal-gass fis-suq ta' pajjiż ieħor.

Nemmen li ser inkunu nistgħu noħorġu b'mekkaniżmi li jiggarantixxu l-abilità li jingħata l-ammont meħtieġ ta' gass naturali lill-Istati Membri li jkunu ddikjaraw emerġenza.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Il-gass naturali (gass) jibqa' komponent essenzjali tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni Ewropea. Proporzjon kbir ta' gass bħal dan huwa importat fl-Unjoni minn pajjiżi terzi.

Emenda

(1) Il-gass naturali (gass) huwa komponent essenzjali tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni Ewropea fil-fażi tranżitorja lejn sehem dejjem akbar ta' enerġija ġġenerata minn sorsi rinnovabbli. Proporzjon kbir ta' gass bħal dan huwa importat fl-Unjoni minn pajjiżi terzi. ***B'hekk, is-sigurtà tal-provvista tal-gass għandha tiġi indirizzata fil-livell tal-Unjoni bħala soluzzjoni konġunta li se tirriżulta f'aktar salvagwardji effettivi mingħajr ma ddgħajjef is-suq intern tal-enerġija u mingħajr ma jkollha effetti negattivi fuq pajjiżi oħra. Il-klima politika attwali relatata ma' ċerti pajjiżi, madankollu, ma tippovdi l-ebda garanzija la għall-affidabbiltà u kontinwità ta' provvisti u lanqas għas-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u għalhekk id-diversifikazzjoni minn pajjiżi terzi u l-interkonnnessjonijiet bejn l-Istati Membri għandhom jissaħħu.***

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Interruzzjoni ewlenija fil-provvista tal-gass tista' taffettwa lill-Istati Membri kollha, lill-Unjoni in ġenerali u lill-Partijiet Kontraenti għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija, iffirmat f'Ateni fil-25 ta' Ottubru 2005. Tista' tagħmel ukoll ħsara kbira lill-ekonomija tal-Unjoni u jista' jkollha impatt soċjali gravi, b'mod partikolari fuq gruppi vulnerabbli ta' klijenti.

Emenda

(2) Interruzzjoni ewlenija fil-provvista tal-gass tista' taffettwa lill-Istati Membri kollha, lill-Unjoni in ġenerali u lill-Partijiet Kontraenti għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija, iffirmat f'Ateni fil-25 ta' Ottubru 2005. Tista' tagħmel ukoll ħsara kbira lill-ekonomija ***u lis-sigurtà*** tal-Unjoni u jista' jkollha impatt soċjali gravi, b'mod partikolari fuq gruppi vulnerabbli ta' klijenti, ***bħal pereżempju installazzjonijiet bi fluss operattiv kontinwu b'mod partikolari f'pajjiżi dipendenti fuq fornitur prinċipali wieħed. Huwa għalhekk fundamentali li s-sorsi, il-fornituri u r-rotot tal-enerġija jiġu diversifikati sabiex jiġu evitati minn qabel tali sitwazzjonijiet, u sabiex l-effetti ta' interruzzjonijiet fil-provvista jiġu minimizzati.***

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Dan ir-Regolament jimmira li jiżgura li jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tiġi salvagwardjata provvista ta' gass mingħajr interruzzjoni madwar l-Unjoni kollha, b'mod partikolari lill-klijenti protetti f'każ ta' kundizzjonijiet klimatiċi diffiċli jew interruzzjonijiet tal-provvista tal-gass. Dawn l-oġettivi għandhom jinkisbu permezz tal-aktar miżuri kost-effettivi u b'tali mod li s-swieq tal-enerġija ma jiġux imfixla.

Emenda

(3) Dan ir-Regolament jimmira li jiżgura li jittieħdu l-miżuri ***mhux diskriminatorji*** kollha meħtieġa sabiex tiġi salvagwardjata provvista ta' gass mingħajr interruzzjoni madwar l-Unjoni kollha, b'mod partikolari lill-klijenti protetti f'każ ta' kundizzjonijiet klimatiċi diffiċli jew interruzzjonijiet tal-provvista tal-gass. Dawn l-oġettivi għandhom jinkisbu permezz tal-aktar miżuri kost-effettivi ***intrareġjonali u interreġjonali*** u b'tali mod li s-swieq tal-enerġija ma jiġux imfixla ***u l-***

livell minimu ta' dannu fil-każ ta' installazzjonijiet bi fluss operattiv kontinwu ma jiġix affettwat. Għandu jittieħed kont ukoll tal-kuntest usa' tas-sigurtà tal-provvista ta' gass, li tista' tinkiseb ukoll permezz tad-diversifikazzjoni ta' provvisti minn pajjiżi terzi, interkonnnessjonijiet ġodda tal-enerġija bejn l-Istati Membri u l-użu ta' sorsi alternattivi ta' enerġija. Fl-istess ħin, hu essenzjali li tiżdied il-kooperazzjoni fil-gasam tas-sigurtà enerġetika mal-pajjiżi ġirien tal-Unjoni, ma' sħab strateġiċi. Dan jista' jissupplimenta l-azzjoni tal-Unjoni inkluż finanzjament intiż għall-effiċjenza enerġetika.

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) ***Ir-Regolament*** (UE) Nru 994/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri li jissalvagwardaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass*** diġà kellu impatt pożittiv sinifikanti fuq is-sitwazzjoni ***tal-Ewropa fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista tal-gass tal-Ewropa***, kemm f'termini ta' ***preparazzjoni*** kif ukoll ta' mitigazzjoni. L-Istati Membri huma ppreparati aħjar sabiex jiffaċċjaw kriżi fil-provvista issa li huma meħtieġa li jfasslu pjanijiet li jinkludu miżuri ta' prevenzjoni u ta' emerġenza u li huma mħarsa aħjar issa li jeħtieġu jissodisfaw numbru ta' obbligi dwar il-kapaċità tal-infrastruttura u l-provvista tal-gass. Madankollu, ir-rapport ta' implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 994/2010 ta' Ottubru 2014 enfasizza oqsma li fihom titjib għal dak ir-Regolament jista' jsaħħaħ ulterjorment is-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni.

Emenda

(4) ***Id-dritt attwali tal-Unjoni, b'mod partikolari l-elementi rilevanti tat-Tielet Pakkett tal-Enerġija u r-Regolament*** (UE) Nru 994/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, diġà kellu impatt pożittiv sinifikanti fuq is-sitwazzjoni ***tal-Unjoni fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista tal-gass***, kemm f'termini ta' ***preparazzjoni*** kif ukoll ta' mitigazzjoni. L-Istati Membri huma ppreparati aħjar sabiex jiffaċċjaw kriżi fil-provvista issa li huma meħtieġa li jfasslu pjanijiet li jinkludu miżuri ta' prevenzjoni u ta' emerġenza u li huma mħarsa aħjar issa li jeħtieġu jissodisfaw numbru ta' obbligi dwar il-kapaċità tal-infrastruttura u l-provvista tal-gass. Madankollu, ir-rapport ta' implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 994/2010 ta' Ottubru 2014 enfasizza oqsma li fihom titjib għal dak ir-Regolament jista' jsaħħaħ ulterjorment is-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 5 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Sabiex tiġi ssalvagwardjata l-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, hemm bżonn li s-sorsi tal-enerġija jiġu diversifikati u jinħolqu interkonnnessjonijiet enerġetiċi ġodda bejn l-Istati Membri. Fl-istess ħin, hu essenzjali li tiżdied il-kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà tal-enerġija mal-pajjiżi ġirien tal-Unjoni, mas-sħab strateġiċi, kif ukoll bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-Istrateġija ta' Qafas għal Unjoni tal-Enerġija reżiljenti ma' politika li tħares bil-quddiem lejn it-tibdil fil-klima"¹⁴ minn Frar 2015 tenfasizza li l-Unjoni tal-Enerġija tibbaża fuq is-solidarjetà u l-fiduċja li huma karatteristiċi neċessarji għas-sigurtà tal-enerġija. Dan ir-Regolament għandu jkollu l-għan li jżid is-solidarjetà u ***l-fiduċja*** bejn l-Istati Membri u għandu jimplementa l-miżuri meħtieġa sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, b'hekk titwitta t-triq ***għall-implimentazzjoni*** tal-Unjoni tal-Enerġija.

(6) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-Istrateġija ta' Qafas għal Unjoni tal-Enerġija reżiljenti ma' politika li tħares bil-quddiem lejn it-tibdil fil-klima"¹⁴ minn Frar 2015 tenfasizza li l-Unjoni tal-Enerġija tibbaża fuq is-solidarjetà u l-fiduċja li huma karatteristiċi neċessarji għas-sigurtà tal-enerġija. Dan ir-Regolament għandu jkollu l-għan li jżid ***il-kooperazzjoni***, is-solidarjetà, ***il-fiduċja*** u ***l-interkonnnessjonijiet*** bejn l-Istati Membri u għandu jimplementa l-miżuri meħtieġa sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, b'hekk titwitta t-triq ***għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni rapidi*** tal-Unjoni tal-Enerġija.

¹⁴Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Regġuni, u lill-Bank Ewropew tal-Investment, COM(2015)80

¹⁴Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Regġuni, u lill-Bank Ewropew tal-Investment, COM(2015)80

final.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Suq intern tal-gass li jaħdem mingħajr intoppi huwa l-aħjar garanzija sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija madwar l-Unjoni u sabiex titnaqqas l-espożizzjoni ta' Stati Membri individwali għall-effetti ta' ħsara tal-interruzzjonijiet fil-provvista. Fejn is-sigurtà tal-provvista ta' Stat Membru tkun mhedda, hemm riskju li miżuri żviluppatti b'mod unilaterali minn **dak** l-Istat Membru jistgħu jipperikolaw il-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-gass u **tagħmel ħsara għall-provvista tal-gass** għall-klijenti fi Stati Membri oħrajn. Sabiex is-suq intern tal-gass jitħalla jiffunzjona anke meta **ffaċċjat b'nuqqas** ta' provvista, għandha ssir dispożizzjoni għas-solidarjetà u l-koordinazzjoni fit-tweġiba għall-kriżijiet fil-provvista, kemm dwar azzjoni preventiva kif ukoll dwar ir-reazzjoni għal interruzzjonijiet attwali fil-provvista.

final.

Emenda

(7) Suq intern tal-gass **issorveljat minn awtoritajiet regolatorji nazzjonali** li jaħdem mingħajr intoppi huwa l-aħjar garanzija sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija madwar l-Unjoni u sabiex titnaqqas l-espożizzjoni ta' Stati Membri individwali għall-effetti ta' ħsara tal-interruzzjonijiet fil-provvista. Fejn is-sigurtà tal-provvista ta' Stat Membru tkun mhedda, hemm riskju li miżuri żviluppatti b'mod unilaterali minn l-Istat Membru **wieħed** jistgħu jipperikolaw il-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-gass u **jikkawżaw effett domino** għall-klijenti fi Stati Membri oħrajn. Sabiex **l-Istati Membri jkunu jistgħu jindirizzaw nuqqas fil-provvista u sabiex** is-suq intern tal-gass jitħalla jiffunzjona anke meta **ffaċċjat b'tali nuqqas** ta' provvista, għandha ssir dispożizzjoni għas-solidarjetà u l-koordinazzjoni **f'livell reġjonali u tal-Unjoni** fit-tweġiba għall-kriżijiet fil-provvista, kemm dwar azzjoni preventiva kif ukoll dwar ir-reazzjoni għal interruzzjonijiet attwali fil-provvista **biex b'hekk dan iwassal għall-integrazzjoni tas-swieq tal-enerġija tar-reġjuni. F'dan ir-rigward, l-Unjoni għandha tkompli tiddiverisifika s-sorsi, il-fornituri u r-rotot tal-provvista tal-enerġija, bħala kundizzjoni minn qabel tas-sigurtà tal-enerġija u għandha tappoġġa, inkluż permezz ta' finanzjament, dawk il-proġetti li huma orjentati lejn id-diversifikazzjoni, li huma totalment konformi mad-dritt u mal-prinċipji tal-Unjoni, kif ukoll mal-oġettivi u l-prijoritajiet politiċi fit-tul tal-Unjoni, bħal pereżempju l-proġetti**

infrastrutturali.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) S'issa, il-potenzjal għal miżuri aktar effiċjenti u b'inqas spejjeż permezz ta' kooperazzjoni reġjonali ma ġiex sfruttat għal kollox. ***Dan għandu x'jaqsam mhux biss ma'*** koordinazzjoni aħjar ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni nazzjonali f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, ***iżda wkoll ma'*** miżuri preventivi nazzjonali, bħal ħażna nazzjonali jew politiki relatati mal-gass naturali likwifikat (LNG), li jistgħu jkunu ta' importanza strateġika f'ċerti reġjuni.

Emenda

(8) S'issa, il-potenzjal għal miżuri aktar effiċjenti u b'inqas spejjeż permezz ta' kooperazzjoni reġjonali ma ġiex sfruttat għal kollox, ***u hemm bżonn ta' kunċett ta' kooperazzjoni bil-possibbiltà tal-istabbiliment ta' formats ta' kooperazzjoni abbażi ta' konsultazzjonijiet mal-Istati Membri, filwaqt li titqies id-dinamika tal-enerġija.*** Koordinazzjoni aħjar ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni nazzjonali f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza ***hija rakkomandata, kif ukoll ta'*** miżuri preventivi nazzjonali, bħal ħażna nazzjonali jew politiki relatati mal-gass naturali likwifikat (LNG), li jistgħu jkunu ta' importanza strateġika f'ċerti reġjuni ***u użu effiċjenti ta' infrastruttura eżistenti.***

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Fi spirtu ta' ***solidarjetà, il-kooperazzjoni reġjonali, billi tinvolvi kemm lill-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll lill-impriżi tal-gass naturali, għandha tkun il-prinċipju gwida ta' dan ir-Regolament, sabiex jiġu identifikati r-riskji rilevanti f'kull reġjun u sabiex jiġu ottimizzati l-benefiċċji ta' miżuri kkoordinati sabiex dawn ir-riskji jittaffew u sabiex jiġu implimentati l-aktar miżuri kost-effettivi għall-konsumaturi tal-Unjoni.***

Emenda

(9) Fi spirtu ta' ***solidarjetà, il-kooperazzjoni reġjonali, billi tinvolvi kemm lill-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll lill-impriżi tal-gass naturali, għandha tkun il-prinċipju gwida ta' dan ir-Regolament, sabiex jiġu identifikati r-riskji rilevanti f'kull reġjun u sabiex jiġu ottimizzati l-benefiċċji ta' miżuri kkoordinati f'livell lokali, reġjonali u transfruntier, sabiex dawn ir-riskji jittaffew u tiġi konsolidata s-sigurtà tal-provvista ta' gass u sabiex jiġu implimentati l-aktar miżuri kost-effettivi***

għall-konsumaturi tal-Unjoni. Il-kooperazzjoni reġjonali għandha żżid aktar ir-rwol tal-Unjoni fis-sostenn tal-isforzi ta' kooperazzjoni transfruntiera u għandha tkun ikkumplementata minn perspettiva tal-Unjoni aktar b'saħħiha, li tippermetti l-użu tal-provvisti u l-għodod kollha disponibbli fil-firxa sħiħa tas-suq intern tal-gass. Dan jista' jiġi ffaċilitat billi tiġi pprovduta analiżi fil-fond fil-livell tal-Unjoni fuq Kurituri tal-Provvista ta' Emerġenza rilevanti, abbażi ta' sorsi ta' provvista tal-gass komuni għal grupp ta' Stati Membri. Fil-qafas tal-kooperazzjoni reġjonali l-proġetti ta' infrastruttura eżistenti u dawk ġodda jistgħu jiġu żviluppati sabiex l-interkonnexxjonijiet transfruntiera jsaħħu s-sigurtà tal-provvista ta' gass. Possibilità oħra li għandha titqies meta jiġu definiti l-gruppi reġjonali hija l-inklużjoni ta' Stati Membri futuri involuti fil-proċess ta' tkabbir.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Ċerti klijenti, li jinkludu djar u klijenti li jipprovdu servizzi soċjali essenzjali huma partikolarment vulnerabbli u ***jistgħu jeħtieġu protezzjoni soċjali.*** Definizzjoni ta' tali klijenti protetti ***ma għandhiex*** tkun ***f'kunflitt mal-mekkaniżmi*** ta' solidarjetà tal-Unjoni.

Emenda

(10) Ċerti klijenti, li jinkludu djar u klijenti li jipprovdu servizzi soċjali essenzjali huma partikolarment vulnerabbli u ***għandhom jiġu protetti inkluż mill-prezzijiet tal-gass li qed jiżdedu b'mod rapidu, riżultat tal-kriżi tal-provvista.*** Definizzjoni ta' tali klijenti protetti ***għandha, sa fejn hu possibbli,*** tkun ***armonizzata aktar mingħajr ma jiġu mminati l-mekkaniżmi*** ta' solidarjetà tal-Unjoni.

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 11

PE582.277v02-00

10/40

AD\1103547MT.docx

(11) Ir-responsabbiltà tas-sigurtà tal-provvista tal-gass għandha tkun kondiviża bejn impriżi tal-gass naturali tal-Istati Membri, li jaġixxu permezz tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom; u l-Kummissjoni fi ħdan il-kompetenzi tagħhom. Tali skambju ta' responsabbiltà jeħtieġ kooperazzjoni mill-qrib bejn dawn il-partijiet. Madankollu, klijenti li jkunu qegħdin jużaw il-gass għall-ġenerazzjoni tal-elettriku jew għal skopijiet industrijali jistgħu wkoll ikollhom rwol importanti fis-sigurtà tal-provvista tal-gass permezz tal-abbiltà tagħhom li jwieġbu għal kriżi b'miżuri min-naħa tad-domanda, pereżempju kuntratti interrompibbli u bdil tal-fjuwil, għaliex dan ikollu impatt dirett fuq il-bilanċ tal-provvista/domanda.

(11) Ir-responsabbiltà tas-sigurtà tal-provvista tal-gass għandha tkun kondiviża bejn impriżi tal-gass naturali tal-Istati Membri, li jaġixxu permezz tal-awtoritajiet **nazzjonali, reġjonali u lokali** kompetenti tagħhom; u l-Kummissjoni fi ħdan il-kompetenzi tagħhom. Tali skambju ta' responsabbiltà jeħtieġ kooperazzjoni mill-qrib bejn dawn il-partijiet. Madankollu, klijenti li jkunu qegħdin jużaw il-gass għall-ġenerazzjoni tal-elettriku jew għal skopijiet industrijali jistgħu wkoll ikollhom rwol importanti fis-sigurtà tal-provvista tal-gass permezz tal-abbiltà tagħhom li jwieġbu għal kriżi b'miżuri min-naħa tad-domanda, pereżempju kuntratti interrompibbli u bdil tal-fjuwil, għaliex dan ikollu impatt dirett fuq il-bilanċ tal-provvista/domanda.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 11

(11) Ir-responsabbiltà tas-sigurtà tal-provvista tal-gass għandha tkun kondiviża bejn impriżi tal-gass naturali tal-Istati Membri, li jaġixxu permezz tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom; u l-Kummissjoni fi ħdan il-kompetenzi tagħhom. Tali skambju ta' responsabbiltà jeħtieġ kooperazzjoni mill-qrib bejn dawn il-partijiet. Madankollu, klijenti li jkunu qegħdin jużaw il-gass għall-ġenerazzjoni tal-elettriku jew għal skopijiet industrijali jistgħu wkoll ikollhom rwol importanti fis-sigurtà tal-provvista tal-gass permezz tal-abbiltà tagħhom li jwieġbu għal kriżi b'miżuri min-naħa tad-domanda, pereżempju kuntratti interrompibbli u bdil tal-fjuwil, għaliex dan ikollu impatt dirett

(11) Ir-responsabbiltà tas-sigurtà tal-provvista tal-gass għandha tkun kondiviża bejn impriżi tal-gass naturali tal-Istati Membri, li jaġixxu permezz tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom; u l-Kummissjoni fi ħdan il-kompetenzi tagħhom. Tali skambju ta' responsabbiltà jeħtieġ kooperazzjoni mill-qrib bejn dawn il-partijiet. Madankollu, klijenti li jkunu qegħdin jużaw il-gass għall-ġenerazzjoni tal-elettriku jew għal skopijiet industrijali jistgħu wkoll ikollhom rwol importanti fis-sigurtà tal-provvista tal-gass permezz tal-abbiltà tagħhom li jwieġbu għal kriżi b'miżuri min-naħa tad-domanda, pereżempju **effiċjenza enerġetika**, kuntratti interrompibbli u bdil tal-fjuwil, għaliex dan ikollu impatt dirett fuq il-bilanċ tal-

fuq il-bilanċ tal-provvista/domanda.

provvista/domanda.

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18a) Dan ir-Regolament għandu jittieħed inkunsiderazzjoni kemm meta jkun qed jiġu adottati l-pjanijiet operattivi għall-użu tal-finanzjament SIE kif ukoll fil-kriterji finanzjarji tal-proġetti FEIS.

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19) Għalhekk, għall-iskop ta' dan ir-Regolament, il-kriterji li ġejjin għandhom jittieħdu **in kunsiderazzjoni** meta jiġu definiti l-gruppi reġjonali: il-mudelli ta' provvista, l-interkonnessjonijiet eżistenti u ppjanati u l-kapaċità ta' interkonnessjoni bejn l-Istati Membri, l-iżvilupp u l-maturità tas-suq, l-istrutturi ta' kooperazzjoni reġjonali eżistenti u n-numru ta' Stati Membri f'reġjun, li għandu jkun limitat biex jiżgura li l-grupp jibqa' ta' daqs maniġġevoli.

(19) Għalhekk, għall-iskop ta' dan ir-Regolament, il-kriterji li ġejjin għandhom jittieħdu **inkunsiderazzjoni** meta jiġu definiti l-gruppi reġjonali: il-mudelli ta' provvista, l-interkonnessjonijiet eżistenti u ppjanati u l-kapaċità ta' interkonnessjoni bejn l-Istati Membri, l-iżvilupp u l-maturità tas-suq, **il-livell ta' diversifikazzjoni tal-fornituri tal-gass u r-rotot**, l-istrutturi ta' kooperazzjoni reġjonali eżistenti u n-numru ta' Stati Membri f'reġjun, li għandu jkun limitat biex jiżgura li l-grupp jibqa' ta' daqs maniġġevoli.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20) Biex il-kooperazzjoni reġjonali ssir iktar fattibbli, l-Istati Membri għandhom

(20) Biex il-kooperazzjoni reġjonali ssir iktar fattibbli, l-Istati Membri għandhom

jistabbilixxu **mekkaniżmu** ta' **kooperazzjoni fi ħdan kull reġjun**. Tali mekkaniżmu jew mekkaniżmi għandhom jiġu żviluppati suffiċjentament fil-ħin biex tkun tista' ssir il-valutazzjoni tar-riskju u jitfasslu pjanijiet sinifikanti fil-livell reġjonali. L-Istati Membri huma liberi li jiftehemu fuq mekkaniżmu ta' kooperazzjoni li hu l-iktar addattat għal reġjun partikolari. Il-Kummissjoni għandu jkollha rwol ta' faċilitazzjoni fil-proċess globali u għandha tiskambja l-aħjar prattiċi għall-organizzazzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali bħal pereżempju rwol ta' koordinazzjoni b'rotazzjoni fi ħdan ir-reġjun għall-preparazzjoni tad-dokumenti differenti jew biex jiġu stabbiliti korpi dedikati. Fin-nuqqas ta' ftehim fuq il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni **tista'** tipproponi mekkaniżmu ta' kooperazzjoni xieraq għal reġjun partikolari.

jistabbilixxu **mekkaniżmi amministrattivi ċari, flivell intrareġjonali u interreġjonali, li jkunu japplikaw għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza u li abbażi tagħhom l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġixxu**. Tali mekkaniżmu jew mekkaniżmi għandhom jiġu żviluppati suffiċjentament fil-ħin **u jiżguraw grad għoli ta' trasparenza** biex tkun tista' ssir il-valutazzjoni tar-riskju u jitfasslu pjanijiet sinifikanti fil-livell reġjonali **u jiġu evitati spejjeż inġusti għall-konsumaturi**. L-Istati Membri huma liberi li jiftehemu fuq mekkaniżmu ta' kooperazzjoni li hu l-iktar addattat għal reġjun partikolari **u dan il-mekkaniżmu jista' jiġi konfiguratur mill-ġdid b'mod konformi mad-dinamika tal-enerġija**. Il-Kummissjoni għandu jkollha rwol ta' **stabiliment ta' standards u faċilitazzjoni fil-proċess globali u għandha tiskambja l-aħjar prattiċi għall-organizzazzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali bħal pereżempju rwol ta' koordinazzjoni b'rotazzjoni fi ħdan ir-reġjun għall-preparazzjoni tad-dokumenti differenti jew biex jiġu stabbiliti korpi dedikati**. Fin-nuqqas ta' ftehim fuq il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni **għandha** tipproponi mekkaniżmu ta' kooperazzjoni xieraq għal reġjun partikolari.

Emenda 16

Proposta għal regolament

Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Sabiex tiġi żgurata tnejnija massima, biex tiġi evitata interruzzjoni fil-provvista u biex jittaffew l-effetti tagħha jekk xorta waħda sseħħ, l-awtoritajiet kompetenti ta' reġjun partikolari għandhom ifasslu pjanijiet ta' azzjoni preventiva u ta' emerġenza, wara li jikkonsultaw l-partijiet interessati. Il-pjanijiet reġjonali għandhom jikkunsidraw il-karatteristiċi speċifiċi ta' kull Stat Membru. Għandhom jiddefinixxu

Emenda

(23) Sabiex tiġi żgurata tnejnija massima, biex tiġi evitata interruzzjoni fil-provvista u biex jittaffew l-effetti tagħha jekk xorta waħda sseħħ, l-awtoritajiet kompetenti ta' reġjun partikolari għandhom ifasslu pjanijiet ta' azzjoni preventiva u ta' emerġenza, wara li jikkonsultaw l-partijiet interessati. Il-pjanijiet reġjonali għandhom jikkunsidraw il-karatteristiċi speċifiċi ta' kull Stat Membru. Għandhom jiddefinixxu

b'mod ċar ***l-irwoli*** u r-responsabbiltajiet tal-impriżi tal-gass naturali u l-awtoritajiet kompetenti. Il-miżuri nazzjonali li għandhom jiffasslu għandhom iqisu l-miżuri reġjonali li jinsabu fil-pjan ta' azzjoni preventiva u l-pjan ta' emerġenza b'mod sħiħ. Dawn għandhom ikunu ddisinjati b'tali mod li jindirizzaw ir-riskji nazzjonali b'mod li jieħdu vantaġġ sħiħ tal-opportunitajiet provduti mill-kooperazzjoni reġjonali. Il-pjanijiet għandhom ikunu ta' natura teknika u operattiva, il-funzjoni tagħhom tkun li jgħinu fil-prevenzjoni tal-preżenza jew l-eskalazzjoni ta' emerġenza ***kif ukoll sabiex jittaffew l-effetti tagħha***. Il-pjanijiet għandhom jikkunsidraw is-sigurtà tas-sistemi tal-elettriku u jkunu konsistenti mal-ippjanar strateġiku u l-ġhodod tar-rapportar tal-Unjoni tal-Enerġija.

b'mod ċar ***ir-rwoli*** u r-responsabbiltajiet tal-impriżi tal-gass naturali u l-awtoritajiet kompetenti. Il-miżuri nazzjonali li għandhom jiffasslu għandhom iqisu l-miżuri reġjonali li jinsabu fil-pjan ta' azzjoni preventiva u l-pjan ta' emerġenza b'mod sħiħ. Dawn għandhom ikunu ddisinjati b'tali mod li jindirizzaw ir-riskji nazzjonali b'mod li jieħdu vantaġġ sħiħ tal-opportunitajiet provduti mill-kooperazzjoni reġjonali. Il-pjanijiet għandhom ikunu ta' natura teknika u operattiva, il-funzjoni tagħhom tkun li jgħinu fil-prevenzjoni tal-preżenza jew l-eskalazzjoni ta' emerġenza, ***itaffu l-effetti tagħha u jevitaw is-sitwazzjoni ta' spejjeż iġusti għall-konsumaturi***. Il-pjanijiet għandhom jikkunsidraw is-sigurtà tas-sistemi tal-elettriku u jkunu konsistenti mal-ippjanar strateġiku u l-ġhodod tar-rapportar tal-Unjoni tal-Enerġija.

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) F'każ ta' kriżi fil-provvista, il-parteciċipanti fis-suq għandhom jingħataw opportunità suffiċjenti sabiex iwieġbu għas-sitwazzjoni b'miżuri bbażati fuq is-suq. Fejn miżuri tas-suq ikunu ġew eżawriti u xorta jkunu għadhom insuffiċjenti, l-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom għandhom jieħdu miżuri sabiex jitneħħew jew jittaffew l-effetti tal-kriżi fil-provvista.

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 28

Emenda

(25) F'każ ta' kriżi fil-provvista, il-parteciċipanti fis-suq għandhom jingħataw opportunità suffiċjenti sabiex iwieġbu għas-sitwazzjoni b'miżuri bbażati fuq is-suq. Fejn miżuri tas-suq ***ma kinux f'waqthom jew*** ikunu ġew eżawriti u xorta jkunu għadhom insuffiċjenti, l-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom għandhom jieħdu miżuri sabiex jitneħħew jew jittaffew l-effetti tal-kriżi fil-provvista.

(28) Miżuri min-naħa tad-domanda bħall-bdil tal-fjuwil jew tnaqqis fil-provvista tal-gass lill-konsumaturi industrijali kbar skont ordni ekonomikament effiċjenti jista' jkollhom rwol importanti sabiex jiżguraw is-sigurtà tal-enerġija meta dawn ikunu jistgħu jiġu applikati malajr u jnaqqsu d-domanda b'mod apprezzabbli bħala reazzjoni għal interruzzjoni fil-provvista. Irid isir iktar biex ikun promoss l-użu effiċjenti tal-enerġija, partikolarment fejn ikun hemm bżonn miżuri fin-naħa tad-domanda. L-impatt ambjentali ta' kwalunkwe domanda u miżura min-naħa tal-provvista proposti għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni, bi preferenza tingħata kemm jista' jkun possibbli għall-miżuri li għandhom l-inqas impatt fuq l-ambjent. Fl-istess ħin, għandhom jiġu kkunsidrati l-aspetti tas-sigurtà tal-provvista u l-kompetittività.

(28) Miżuri min-naħa tad-domanda bħall-bdil tal-fjuwil jew tnaqqis fil-provvista tal-gass lill-konsumaturi industrijali kbar skont ordni ekonomikament effiċjenti jista' jkollhom rwol importanti sabiex jiżguraw is-sigurtà tal-enerġija meta dawn ikunu jistgħu jiġu applikati malajr u jnaqqsu d-domanda b'mod apprezzabbli bħala reazzjoni għal interruzzjoni fil-provvista. Irid isir iktar biex ikun promoss l-użu effiċjenti tal-enerġija, partikolarment fejn ikun hemm bżonn miżuri fin-naħa tad-domanda. ***Il-prijorità għandha tingħata lill-investimenti intiżi għall-isfruttar tal-potenzjal ta' enerġija sostenibbli fil-livell lokali.*** L-impatt ambjentali ta' kwalunkwe domanda u miżura min-naħa tal-provvista proposti għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, bi preferenza tingħata kemm jista' jkun possibbli għall-miżuri li għandhom l-inqas impatt fuq l-ambjent. Fl-istess ħin, għandhom jiġu kkunsidrati l-aspetti tas-sigurtà tal-provvista u l-kompetittività.

Emenda 19

Proposta għal regolament Premessa 32

(32) Il-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza ***għandhom*** jiġu aġġoranti b'mod regolari u ***għandhom jiġu*** ppubblikati. Huma għandhom ikunu soġġetti għall-evalwazzjoni bejn il-pari. Il-proċess ta' evalwazzjoni bejn il-pari jippermetti identifikazzjoni bikrija ta' inkonsistenzi u miżuri li jistgħu jipperikolaw is-sigurtà tal-provvista tal-Istati Membri l-oħrajn u b'hekk jiżgura li l-pjanijiet minn reġjuni differenti huma konsistenti ma' xulxin. Dan jippermetti

(32) Il-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza ***reġjonali, korrelatati ma' dawk fil-livell nazzjonali, iridu*** jiġu aġġoranti b'mod regolari u ppubblikati. Huma għandhom ikunu soġġetti għall-evalwazzjoni bejn il-pari. Il-proċess ta' evalwazzjoni bejn il-pari jippermetti identifikazzjoni bikrija ta' inkonsistenzi u miżuri li jistgħu jipperikolaw is-sigurtà tal-provvista tal-Istati Membri l-oħrajn u b'hekk jiżgura li l-pjanijiet minn reġjuni differenti huma

wkoll lill-Istati Membri biex jiskambjaw l-aħjar prattika.

konsistenti ma' xulxin. Dan jippermetti wkoll lill-Istati Membri biex jiskambjaw l-aħjar prattika.

Emenda 20

Proposta għal regolament Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni

(36) Kif muri mit-test tal-istress ta' Ottubru 2014, hija meħtieġa solidarjetà sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista madwar l-Unjoni u sabiex il-kostijiet ġenerali jinżammu f'minimu. Jekk tkun iddikjarata emerġenza f'xi Stat Membru, għandu jkun applikat approċċ b'żewġ stadji biex tissaħħaħ is-solidarjetà. L-ewwel, l-Istati Membri kollha li introduċew standard ta' provvista oġhla għandhom inaqqsu għal valuri difolt sabiex b'hekk is-suq tal-gass isir aktar likwidu. It-tieni, jekk l-ewwel stadju jonqos milli jipprovdi l-provvista neċessarja, għandhom jiġu attivati miżuri ulterjuri minn Stati Membri ġirien, anke jekk mhumiex f'sitwazzjoni ta' emerġenza, sabiex tiġi żgurata l-provvista lid-djar, lis-servizzi soċjali essenzjali u lill-installazzjonijiet tat-tiġin distrettwali fl-Istat Membru li jesperjenza l-emerġenza. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw u jiddeskrivu d-dettalji tal-miżuri ta' solidarjetà fil-pjanijiet ta' emerġenza rispettivi tagħhom, li jiżguraw kumpens ġust u ekwitabbli tal-impriżi tal-gass naturali.

Emenda

(36) Kif muri mit-test tal-istress ta' Ottubru 2014, hija meħtieġa solidarjetà ***bbażata fuq kooperazzjoni reġjonali*** sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista madwar l-Unjoni u sabiex il-kostijiet ġenerali jinżammu f'minimu. ***Din is-solidarjetà għandha tiġi definita fuq tliet livelli ta' azzjoni – bilaterali jew reġjonali, interreġjonali u tal-Unjoni – u ma għandhiex titħalla għal grupp reġjonali individwali jekk approċċ konsistenti u uniformi fil-livell tal-Unjoni huwa meħtieġ.*** Jekk tkun iddikjarata emerġenza f'xi Stat Membru, għandu jkun applikat approċċ b'żewġ stadji biex tissaħħaħ is-solidarjetà. L-ewwel, l-Istati Membri kollha li introduċew standard ta' provvista oġhla għandhom inaqqsu għal valuri difolt sabiex b'hekk is-suq tal-gass isir aktar likwidu. It-tieni, jekk l-ewwel stadju jonqos milli jipprovdi l-provvista neċessarja, għandhom jiġu attivati miżuri ulterjuri minn Stati Membri ġirien, anke jekk mhumiex f'sitwazzjoni ta' emerġenza, sabiex tiġi żgurata l-provvista lid-djar, lis-servizzi soċjali essenzjali u lill-installazzjonijiet tat-tiġin distrettwali fl-Istat Membru li jesperjenza l-emerġenza. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw u jiddeskrivu d-dettalji tal-miżuri ta' solidarjetà fil-pjanijiet ta' emerġenza rispettivi tagħhom, li jiżguraw kumpens ġust u ekwitabbli tal-impriżi tal-gass naturali.

Emenda 21

Proposta għal regolament Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni

(41) Wieħed mill-għanijiet tal-Unjoni huwa li l-Komunità tal-Enerġija tissaħħaħ billi tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tal-acquis tal-enerġija tal-Unjoni, r-riformi tas-suq tal-enerġija u l-investimenti li jinċentivaw fis-settur tal-enerġija permezz ta' integrazzjoni eqreb tas-swieq tal-enerġija tal-Unjoni u tal-Komunità tal-Enerġija. Dan jinvolvi wkoll l-introduzzjoni ta' ġestjoni ta' kriżi komuni billi jiġu proposti pjanijiet preventivi u ta' emerġenza fil-livell reġjonali inklużi l-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija. Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reżiljenza fuq perjodu qasir tas-sistema tal-gass Ewropea minn Ottubru 2014 tirreferi għall-ħtieġa li jiġu applikati r-regoli tas-suq intern tal-enerġija dwar il-fluss tal-enerġija bejn l-Istati Membri tal-Unjoni u l-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija. F'dan ir-rigward, biex tiġi żgurata ġestjoni effiċjenti ta' kriżi fil-fruntieri bejn l-Istati Membri tal-Unjoni u l-Partijiet Kontraenti, l-arranġamenti neċessarji wara l-adozzjoni ta' Att Konġunt għandhom jiġu stabbiliti b'mod li l-koperazzjoni speċifika ma' kwalunkwe Parti Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija tkun tista' ssir ladarba d-dispożizzjonijiet ta' xulxin ikunu daħlu fis-seħħ.

Emenda 22

Proposta għal regolament Premessa 43

AD\1103547MT.docx

Emenda

(41) Wieħed mill-għanijiet tal-Unjoni huwa li l-Komunità tal-Enerġija tissaħħaħ billi tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tal-acquis tal-enerġija tal-Unjoni, r-riformi tas-suq tal-enerġija u l-investimenti li jinċentivaw fis-settur tal-enerġija permezz ta' integrazzjoni eqreb tas-swieq tal-enerġija tal-Unjoni u tal-Komunità tal-Enerġija. Dan jinvolvi wkoll l-introduzzjoni ta' ġestjoni ta' kriżi komuni billi jiġu proposti pjanijiet preventivi u ta' emerġenza fil-livell reġjonali inklużi l-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija. ***Għal dak l-għan, għandhom jiġu stabbiliti previżjonijiet ta' konsum fil-livell reġjonali u r-riżervi disponibbli, biex b'hekk ikun possibbli li tissaħħaħ l-abbiltà ta' rispons f'każ ta' kriżi.*** Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reżiljenza fuq perjodu qasir tas-sistema tal-gass Ewropea minn Ottubru 2014 tirreferi għall-ħtieġa li jiġu applikati r-regoli tas-suq intern tal-enerġija dwar il-fluss tal-enerġija bejn l-Istati Membri tal-Unjoni u l-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija. F'dan ir-rigward, biex tiġi żgurata ġestjoni effiċjenti ta' kriżi fil-fruntieri bejn l-Istati Membri tal-Unjoni u l-Partijiet Kontraenti, l-arranġamenti neċessarji wara l-adozzjoni ta' Att Konġunt għandhom jiġu stabbiliti b'mod li l-koperazzjoni speċifika ma' kwalunkwe Parti Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija tkun tista' ssir ladarba d-dispożizzjonijiet ta' xulxin ikunu daħlu fis-seħħ.

17/40

PE582.277v02-00

Test propost mill-Kummissjoni

(43) Fejn hemm informazzjoni affidabbli fuq sitwazzjoni barra l-Unjoni li thedded is-sigurtà tal-provvista ta' Stat Membru wieħed jew ta' diversi, li tista' tagħti bidu għal mekkaniżmu ta' twissija bikrija li jinvolvi l-Unjoni u pajjiż terz, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass mingħajr dewmien u l-Unjoni għandha tieħu azzjoni xierqa sabiex tipprova ttaffi s-sitazzjoni.

Emenda

(43) Fejn hemm informazzjoni affidabbli fuq sitwazzjoni barra l-Unjoni li thedded is-sigurtà tal-provvista ta' Stat Membru wieħed jew ta' diversi, li tista' tagħti bidu għal mekkaniżmu ta' twissija bikrija li jinvolvi l-Unjoni u pajjiż terz, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass mingħajr dewmien u l-Unjoni għandha tieħu azzjoni xierqa sabiex tipprova ttaffi s-sitwazzjoni. ***Fejn is-sitwazzjoni tippermetti u teżisti infrastruttura adegwata, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għajnuna lil pajjiżi terzi fi kriżi.***

Emenda 23

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(1) 'klijent protett' tfisser klijent tad-djar imqabbad ma' netwerk ta' distribuzzjoni tal-gass u, barra minn hekk, ***fejn l-Istat Membru kkonċernat jiddeċiedi dan***, tista' tfisser ukoll waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

Emenda

(1) "klijent protett" tfisser klijent tad-djar imqabbad ma' netwerk ta' distribuzzjoni tal-gass u, barra minn hekk, ***fl-eventwalità li l-awtoritajiet kompetenti fi ħdan kull reġjun jiddeċiedu hekk***, tista' tfisser ukoll waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

Emenda 24

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ***intrapriża żgħira u ta' daqs medju, diment li tkun imqabbda, ma' netwerk ta' distribuzzjoni tal-gass, jew servizz soċjali essenzjali, diment li tkun imqabbda ma' distribuzzjoni tal-gass jew ma' netwerk ta' trażmissjoni, u diment li intrapriża jew***

Emenda

imħassar

servizzi bħal dawn ma jirrappreżentawx b'mod konġunt aktar minn 20% tal-konsum annwali tal-gass tat-total finali f'dak l-Istat Membru;

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) "servizz soċjali essenzjali" tfisser servizzi tal-kura tas-saħħa, tal-emerġenza jew tas-sigurtà;

Emenda

(2) "servizz soċjali essenzjali" tfisser servizzi tal-kura tas-saħħa, **tal-edukazzjoni, tal-kura tat-tfal**, tal-emerġenza jew tas-sigurtà **u tad-difiża**;

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) "**intrapriżi żgħar u medji**" tfisser **entità marbuta mat-trażmissjoni jew man-netwerk ta' distribuzzjoni b'kapaċità disponibbli jew ippjanata li ma taqbiżx 5 MWh/h;**

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 3 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3b) "**awtorità kompetenti**" tfisser **awtorità governattiva nazzjonali jew awtorità regolatorja nazzjonali inkwantu awtorità kompetenti responsabbli mill-iżgurar tal-implimentazzjoni tal-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament;**

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3c) "importazzjonijiet minn pajjiżi terzi" tfisser l-importazzjoni tal-gass minn pajjiżi terzi li mhumiex parti mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa b'mod attiv id-diversifikazzjoni ta' provvisti minn pajjiżi terzi, f'termini ta' riżorsi tal-enerġija, fornituri ta' gass u rotot ta' gass, Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha toħloq kundizzjonijiet għat-titjib fl-interkonnnessjonijiet tal-infrastruttura tal-enerġija bejn l-Istati Membri u għat-tlestija tar-rotot tat-trażmissjoni ta' gass kif definiti mill-kurituri prijoritarji tar-Regolament Nru 347/2013 (UE) ^{1a} (Regolament TEN-E) "Kurituri tal-Provvista ta' Emerġenza" huwa kunċett li jikkumplimenta u jsaħħaħ l-approċċ reġjonali kif imsemmi fl-Anness I għal dak ir-Regolament, u tfisser ir-rotot tal-provvista tal-gass tal-UE identifikati biex jgħinu lill-Istati Membri jnaqqsu aħjar l-effetti tal-provvista potenzjali u/jew interruzzjonijiet fl-infrastruttura.

^{1a} Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-Kummissjoni għandha, *fejn xieraq*, tikkordina l-azzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fil-livelli reġjonali u tal-Unjoni, kif stabbilit f'dan ir-Regolament, inter alia, permezz tal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass imsemmi fl-Artikolu 14 jew il-grupp għall-ġestjoni ta' kriżi msemmi fl-Artikolu 11(4), b'mod partikolari f'każ ta' emerġenza reġjonali jew ta' Unjoni kif definit fl-Artikolu 11(1).

Emenda

5. Il-Kummissjoni għandha tikkordina l-azzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fil-livelli reġjonali u tal-Unjoni, kif stabbilit f'dan ir-Regolament, inter alia, permezz tal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass imsemmi fl-Artikolu 14 jew il-grupp għall-ġestjoni ta' kriżi msemmi fl-Artikolu 11(4), b'mod partikolari f'każ ta' emerġenza reġjonali jew ta' Unjoni kif definit fl-Artikolu 11(1).

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-miżuri sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista li jinsabu fil-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza għandhom ikunu definiti b'mod ċar, trasparenti, proporzjonati, mhux diskriminatorji *u* verifikabbli, ma għandhomx jikkawżaw tfixkil għall-kompetizzjoni u għall-funzjonament effettiv tas-suq intern fil-gass u ma għandhomx jipperikolaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass ta' Stati Membri oħrajn jew tal-Unjoni kollha.

Emenda

6. *Il-Pjanijiet ta' Azzjoni Preventiva reġjonali u l-pjanijiet ta' emerġenza għandhom ikunu bbażati fuq il-pjanijiet nazzjonali għas-sigurtà tal-provvista ta' gass.* Il-miżuri sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista li jinsabu fil-pjanijiet ta' azzjoni preventiva *reġjonali, korrelati ma' dawk fil-livell nazzjonali* u l-pjanijiet ta' emerġenza għandhom ikunu definiti b'mod ċar, *ikunu* trasparenti, proporzjonati, mhux diskriminatorji, verifikabbli, *sostenibbli u koerenti mal-obiettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-klima u l-enerġija*, ma għandhomx jikkawżaw tfixkil għall-kompetizzjoni u għall-funzjonament effettiv tas-suq intern fil-gass u ma għandhomx jipperikolaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass ta' Stati Membri *u reġjuni* oħrajn jew tal-Unjoni

kollha.

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 7 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) il-kapaċità li d-domanda għall-gass tal-klijenti protetti tiġi koperta matul l-interruzzjoni mill-akbar fornitur uniku tal-gass;

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 7 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 18 sabiex temenda l-Anness I abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-ewwel subparagrafu jekk iċ-ċirkostanzi jitolbu ħtieġa għalbidla ta' reġjun.

Il-kompożizzjoni tar-reġjuni tista' tiġi evalwata mill-ġdid wara t-tlestija ta' valutazzjoni tar-riskju fil-livell reġjonali, pjan ta' azzjoni preventiv u pjan ta' emerġenza, imma mhux qabel l-2022. Kwalunkwe bidla fil-kompożizzjoni tar-reġjuni għandha ssir permezz ta' rieżami ta' dan ir-Regolament.

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li kwalunkwe infrastruttura ġdida ta' trażmissjoni tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista permezz tal-iżvilupp ta' netwerk imqabbaq tajjeb, inkluż, fejn xieraq, b'mezzi ta' numru suffiċjenti ta' punti ta' dħul u ħruġ transkonfinali skont id-domanda tas-suq u r-riskji identifikati. L-awtoritajiet kompetenti għandhom

L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li kwalunkwe infrastruttura ġdida ta' trażmissjoni tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista permezz tal-iżvilupp ta' netwerk imqabbaq tajjeb, inkluż, fejn xieraq, b'mezzi ta' numru suffiċjenti ta' punti ta' dħul u ħruġ transkonfinali skont id-domanda tas-suq u r-riskji identifikati. L-awtoritajiet kompetenti għandhom

jivvalutaw fil-valutazzjoni tar-riskju jekk jeżistux ostakli interni u jekk kapaċità ta' dħul u infrastrutturi nazzjonali, b'mod partikolari netwerks ta' trażmissjoni, jistgħux jaddattaw il-flussi tal-gass transkonfinali u nazzjonali għax-xenarju tal-interruzzjoni tal-akbar infrastruttura unika tal-gass fil-livell nazzjonali u l-akbar infrastruttura unika tal-gass ta' interess komuni għar-reġjun identifikat fil-valutazzjoni tar-riskju.

jivvalutaw fil-valutazzjoni tar-riskju jekk jeżistux ostakli interni u jekk kapaċità ta' dħul u infrastrutturi nazzjonali, b'mod partikolari netwerks ta' trażmissjoni, jistgħux jaddattaw il-flussi tal-gass transkonfinali u nazzjonali għax-xenarju tal-interruzzjoni tal-akbar infrastruttura unika tal-gass fil-livell nazzjonali u l-akbar infrastruttura unika tal-gass ta' interess komuni għar-reġjun identifikat fil-valutazzjoni tar-riskju. ***Matul emerġenza nazzjonali, reġjonali jew emerġenza fl-Ewropa kollha, il-fluss tal-gass, permezz ta' kapaċità bidirezzjonali permanenti mibnija biex issaħħaħ is-sigurtà tal-provvista tal-gass fi Stat Membru, għandu jkollu prijorità fuq il-fluss tal-gass permezz ta' punti oħra fis-sistema. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistudjaw il-possibbiltà li jintużaw l-opportunitajiet offerti mill-"Enerġija" tas-SEF u l-fondi tas-SIE b'mod ġenerali sabiex jiżviluppaw infrastruttura tal-enerġija fir-reġjuni u interkonnessionijiet adegwati għal dawk ir-reġjuni.***

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-awtorità kompetenti għandha titlob lill-impriżi tal-gass naturali, li ***hija tidentifika***, sabiex jieħdu miżuri sabiex il-provvista tal-gass tiġi żgurata lill-klijenti protetti tal-Istat Membru f'kull każ li ġej:

Emenda

1. L-awtorità kompetenti għandha titlob lill-impriżi tal-gass naturali, li ***qed ifornu gass naturali lill-klijenti protetti tal-Istati Membri***, sabiex jieħdu miżuri sabiex il-provvista tal-gass tiġi żgurata lill-klijenti protetti tal-Istat Membru f'kull każ li ġej:

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2017, ***L-Istati Membri*** għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni d-definizzjoni ***tagħhom ta' klijenti*** protetti, il-volumi ta' konsum annwali ta' gass tal-klijenti protetti u l-perċentwal li huma jirrappreżentaw tal-konsum annwali tal-gass tat-total finali ***f'dak l-Istat*** Membru. Fejn Stat Membru jinkludi fid-definizzjoni tiegħu ta' klijenti protetti l-kategoriji msemmijin fil-punt (a) jew (b) tal-Artikolu 2 (1) għandu jispeċifika fin-notifika lill-Kummissjoni l-volumi tal-konsum ta' gass li jikkorrispondu għall-konsumaturi li jappartjenu għal dawk il-kategoriji u l-perċentwal li kull wieħed minn dawn il-gruppi ta' konsumaturi jirrappreżenta f'termini tal-użu finali annwali ta' gass.

Emenda 37

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' kull reġjun kif elenkati fl-Anness I għandhom b'mod konġunt jagħmlu valutazzjoni fil-livell reġjonali tar-riskji kollha li jaffettwaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass. Il-valutazzjoni għandha tqis ir-riskji kollha rilevanti, bħal diżastri naturali, riskji teknoloġiċi, kummerċjali, soċjali, politiċi u riskji oħrajn. Il-valutazzjoni tar-riskju għandha ssir billi:

Mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2017, ***L-awtoritajiet kompetenti f'kull reġjun*** għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni d-definizzjoni ta' ***konsumaturi*** protetti ***f'dak ir-reġjun***, il-volumi ta' konsum annwali ta' gass tal-klijenti protetti u l-perċentwal li huma jirrappreżentaw tal-konsum annwali tal-gass tat-total finali ***fl-Istat*** Membru ***rispettiv kif ukoll il-mod kif dan jista' jinfluwenza l-flussi transfruntieri fir-reġjun***. Fejn Stat Membru jinkludi fid-definizzjoni tiegħu ta' klijenti protetti l-kategoriji msemmijin fil-punt (a) jew (b) tal-Artikolu 2(1) għandu jispeċifika fin-notifika lill-Kummissjoni l-volumi tal-konsum ta' gass li jikkorrispondu għall-konsumaturi li jappartjenu għal dawk il-kategoriji u l-perċentwal li kull wieħed minn dawn il-gruppi ta' konsumaturi jirrappreżenta f'termini tal-użu finali annwali ta' gass.

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' kull reġjun kif elenkati fl-Anness I għandhom, ***abbażi ta' valutazzjoni tar-riskji għal Stati Membri individwali f'kull reġjun***, b'mod konġunt jagħmlu valutazzjoni fil-livell reġjonali tar-riskji kollha li jaffettwaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass, ***inkluża l-valutazzjoni tar-riskju ta' kull Stat Membru tar-reġjun***. Il-valutazzjoni għandha tqis ir-riskji kollha rilevanti, bħal diżastri naturali, riskji teknoloġiċi, kummerċjali, soċjali, politiċi u riskji oħrajn. Il-valutazzjoni tar-riskju għandha ssir, ***b'mod partikolari***, billi:

Emenda 38

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a – subpunt ii a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ii) nuqqas ta' kapaċità biex tiġi koperta d-domanda stmata jew ikkalkulata tal-klijenti protetti fir-reġjun tul l-interruzzjoni fil-provvista mill-ikbar fornitur uniku;

Emenda 39

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-awtoritajiet kompetenti fi ħdan kull reġjun għandhom jaqblu fuq mekkaniżmu ta' kooperazzjoni biex jagħmlu l-valutazzjoni tar-riskju fil-limitu ta' żmien stabbilit f'paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrapportaw lill-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass dwar il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni biex issir il-valutazzjoni tar-riskju 18-il xahar qabel l-iskadenza għall-adozzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju u l-aġġornamenti tal-valutazzjoni tar-riskju. Il-Kummissjoni **jista'** jkollha rwol ta' faċilitazzjoni globali fil-preparazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju, b'mod partikolari għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' kooperazzjoni. Jekk l-awtoritajiet kompetenti fi ħdan reġjun ma jaqblux fuq mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni tista' tipproponi mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għal dak ir-reġjun.

L-awtoritajiet kompetenti fi ħdan kull reġjun għandhom jaqblu fuq mekkaniżmu ta' kooperazzjoni biex jagħmlu l-valutazzjoni tar-riskju fil-limitu ta' żmien stabbilit f'paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrapportaw lill-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass dwar il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni biex issir il-valutazzjoni tar-riskju 18-il xahar qabel l-iskadenza għall-adozzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju u l-aġġornamenti tal-valutazzjoni tar-riskju. Il-Kummissjoni **għandu** jkollha rwol ta' faċilitazzjoni globali fil-preparazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju, b'mod partikolari għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' kooperazzjoni. Jekk l-awtoritajiet kompetenti fi ħdan reġjun ma jaqblux fuq mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għal dak ir-reġjun.

Emenda 40

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-impriżi tal-gass naturali, il-klijenti tal-gass industrijali, l-organizzazzjonijiet rilevanti li jirrappreżentaw l-interessi tal-klijenti tad-dar u dawk tal-gass industrijali kif ukoll Stati Membri u l-awtorità regolatorja nazzjonali, fejn mhijiex l-awtorità kompetenti, għandhom jikkooperaw mal-awtorità kompetenti u jipprovdu dan meta mitlubin flimkien mal-informazzjoni kollha neċessarja għall-valutazzjoni tar-riskju.

Emenda 41

**Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5**

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-valutazzjoni tar-riskju ladarba jintlaħaq qbil fuqha mill-Istati Membri kollha fir-reġjun għandha **jiġi** nnotifikata lill-Kummissjoni għall-ewwel darba mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru 2018. Il-valutazzjoni tar-riskju għandha tiġi aġġornata kull erba' snin sakemm iċ-ċirkostanzi ma jeħtiġux aġġornamenti aktar frekwenti. Il-valutazzjoni tar-riskju għandha tqis il-progress li jkun sar fl-investimenti meħtieġa sabiex jagħmlu tajjeb għall-istandard tal-infrastruttura definit fl-Artikolu 4 u ta' diffikultajiet speċifiċi ta' pajjiż li wieħed jiltaqa' magħhom fl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ġodda alternattivi. Għandha tibni wkoll fuq l-esperjenza miksuba permezz tas-simulazzjoni tal-pjanijiet ta' emerġenza li jinsabu fl-Artikolu 9 (2).

Emenda

4. L-impriżi tal-gass naturali, il-klijenti tal-gass industrijali, l-organizzazzjonijiet rilevanti li jirrappreżentaw l-interessi tal-klijenti tad-dar, dawk **protetti u dawk** tal-gass industrijali kif ukoll Stati Membri u l-awtorità regolatorja nazzjonali, fejn mhijiex l-awtorità kompetenti, għandhom jikkooperaw mal-awtorità kompetenti u jipprovdu dan meta mitlubin flimkien mal-informazzjoni kollha neċessarja għall-valutazzjoni tar-riskju.

Emenda

5. Il-valutazzjoni tar-riskju ladarba jintlaħaq qbil fuqha mill-Istati Membri kollha fir-reġjun għandha **tiġi** nnotifikata lill-Kummissjoni għall-ewwel darba mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru 2018. Il-valutazzjoni tar-riskju għandha tiġi aġġornata kull erba' snin sakemm iċ-ċirkostanzi ma jeħtiġux aġġornamenti aktar frekwenti. Il-valutazzjoni tar-riskju għandha tqis il-progress li jkun sar fl-investimenti meħtieġa sabiex jagħmlu tajjeb għall-istandard tal-infrastruttura definit fl-Artikolu 4 u ta' diffikultajiet speċifiċi ta' pajjiż li wieħed jiltaqa' magħhom fl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ġodda alternattivi. Għandha tibni wkoll fuq l-esperjenza miksuba permezz tas-simulazzjoni tal-pjanijiet ta' emerġenza li jinsabu fl-Artikolu 9(2). ***Jekk l-awtoritajiet kompetenti fi ħdan reġjun ma jaqblux dwar il-valutazzjoni tar-riskju, il-Kummissjoni għandha tippreżenta valutazzjoni tar-riskju għal tali reġjun f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet***

kompetenti.

Emenda 42

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta' kull reġjun kif elenkati fl-Anness I, wara li ġew ikkonsultati l-impriżi tal-gass naturali, l-organizzazzjonijiet rilevanti li jirrappreżentaw l-interessi tal-klijenti tad-dar u dawk tal-gass industrijali, inklużi l-produtturi tal-elettriku, u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, fejn dawn mhumiex l-awtoritajiet kompetenti, għandhom jistabbilixxu flimkien:

Emenda

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta' kull reġjun kif elenkati fl-Anness I, wara li ġew ikkonsultati l-impriżi tal-gass naturali, l-organizzazzjonijiet rilevanti li jirrappreżentaw l-interessi tal-klijenti tad-dar, ***dawk protetti*** u dawk tal-gass industrijali, inklużi l-produtturi tal-elettriku, u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, fejn dawn mhumiex l-awtoritajiet kompetenti, għandhom jistabbilixxu flimkien ***qafas koerenti fil-livell tal-Unjoni***:

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) arranġamenti biex jinqasmu l-ispejjeż bejn l-Istati Membri fejn konsumatur fi Stat Membru wieħed ikun affettwat ħażin minn interruzzjoni fil-konsum tal-gass u jkun obligat li juża fjuwils oħra (minn gass għaż-żejt fil-każ ta' impjanti tal-enerġija), minħabba provvisti protetti għall-konsumaturi fl-Istat Membru l-ieħor.

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Billi jingħaqdu flimkien il-pjanijiet reġjonali preventivi u ta' emerġenza, il-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, ACER u Entso-g, għandha tħejji pjan ta' azzjoni preventiva u pjan ta' emerġenza fil-livell tal-Unjoni.

Emenda 45

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-għan tal-pjan ta' azzjoni preventiva u tal-pjan ta' emerġenza hu li dawn jgħinu biex jiġu ddeciffrati r-riskji u l-potenzjali fl-Unjoni biex jittaffew ir-riskji, jiġu ddifferenzjati l-miżuri bejn ir-reġjuni rispettivi, kif ukoll biex issir valutazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull reġjun, meta mqabbla ma' reġjuni oħra.

Emenda 46

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-awtoritajiet kompetenti fi ħdan kull reġjun għandhom jaqblu fuq mekkaniżmu ta' kooperazzjoni ***suffiċjenti*** f'ħin ***tajjeb*** biex jiġu stabbiliti l-pjanijiet u jkunu jistgħu jiġu nnotifikati u għan-notifika tal-pjanijiet aġġornati.

L-awtoritajiet kompetenti fi ħdan kull reġjun għandhom jaqblu fuq mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, ***filwaqt li jqisu l-prinċipju ta' kooperazzjoni territorjali tal-Unjoni***, f'ħin ***suffiċjenti*** biex jiġu stabbiliti l-pjanijiet u jkunu jistgħu jiġu nnotifikati u għan-notifika tal-pjanijiet aġġornati.

Emenda 47

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrapportaw b'mod regolari lill-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass rigward il-progress miksub fil-preperazzjoni u l-adozzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrapportaw lill-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass dwar il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni miftiehem 18-il xahar qabel id-data tal-iskadenza għall-adozzjoni tal-Pjanijiet u l-aġġornamenti tal-Pjanijiet. Il-Kummissjoni ***jista'*** jkollha rwol ta' faċilitazzjoni globali fil-preparazzjoni tal-pjanijiet, b'mod partikolari għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' kooperazzjoni. Jekk l-awtoritajiet kompetenti fi ħdan reġjun ma jaqblux fuq mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni ***tista' ttipponi*** mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għal dak ir-reġjun. Huma għandhom jiżguraw il-monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni ta' pjanijiet bħal dawn.

Emenda 48

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrapportaw b'mod regolari lill-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass rigward il-progress miksub fil-preperazzjoni u l-adozzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrapportaw lill-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass dwar il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni miftiehem 18-il xahar qabel id-data tal-iskadenza għall-adozzjoni tal-Pjanijiet u l-aġġornamenti tal-Pjanijiet. Il-Kummissjoni ***għandu*** jkollha rwol ta' faċilitazzjoni globali fil-preparazzjoni tal-pjanijiet, b'mod partikolari għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' kooperazzjoni. Jekk l-awtoritajiet kompetenti fi ħdan reġjun ma jaqblux fuq mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni ***għandha tiżviluppa*** mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għal dak ir-reġjun. Huma għandhom jiżguraw il-monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni ta' pjanijiet bħal dawn.

Emenda

Fuq talba ta' awtorità kompetenti, partijiet speċifiċi tal-pjan ta' azzjoni preventiva u l-pjan ta' emerġenza jistgħu jiġu esklużi mill-pubblikazzjoni. F'dan il-każ, l-awtorità kompetenti kkonċernata għandha ttipprovi lill-Kummissjoni b'sommarju komprensiv tal-pjanijiet biex tagħmilhom disponibbli għall-pubbliku. Is-sommarju komprensiv għandu jkun fih tal-anqas l-elementi ewlenin kollha tal-pjanijiet skont l-Anness V, sabiex il-partiċipanti fis-suq jingħataw informazzjoni suffiċjenti biex

jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Il-verżjonijiet sħaħ tal-pjanijiet għandhom ikunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti ta' reġjuni oħra, għall-Kummissjoni u għall-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER).

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-pjan ta' azzjoni preventiva għandu jiġu aġġornat kull erba' snin wara l-1 ta' Marzu 2019, sakemm iċ-ċirkostanzi ma jkunux jeħtieġu aġġornamenti aktar frekwenti jew fuq talba tal-Kummissjoni. Il-pjanijiet aġġornati għandhom jirriflettu l-valutazzjoni tar-riskju aġġornat u r-riżultati tat-testijiet imwettqin skont l-Artikolu 9(2). L-Artikolu 7(3) sa (7) għandu japplika għall-pjan aġġornat.

Emenda

6. Il-pjan ta' azzjoni preventiva għandu jiġu aġġornat ***tal-anqas*** kull erba' snin wara l-1 ta' Marzu 2019, sakemm iċ-ċirkostanzi ma jkunux jeħtieġu aġġornamenti aktar frekwenti jew fuq talba tal-Kummissjoni. Il-pjanijiet aġġornati għandhom jirriflettu l-valutazzjoni tar-riskju aġġornat u r-riżultati tat-testijiet imwettqin skont l-Artikolu 9(2). L-Artikolu 7(3) sa (7) għandu japplika għall-pjan aġġornat.

Emenda 50

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) jidentifikaw il-kontribuzzjoni tal-miżuri abbażi tas-suq sabiex ilaħħqu mas-sitwazzjoni f'livell ta' allerta u tittaffa s-sitwazzjoni f'livell ta' emerġenza;

Emenda

(h) jidentifikaw il-kontribuzzjoni tal-miżuri abbażi tas-suq ***bħat-tnedija ta' xiri kollettiv volontarju jew l-attivazzjoni ta' riżervi virtwali u komuni tal-gass***, sabiex ilaħħqu mas-sitwazzjoni f'livell ta' allerta u tittaffa s-sitwazzjoni f'livell ta' emerġenza;

Emenda 51

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ja (ġdid)

(ja) jistabilixxu proċeduri li jiġu applikati fil-każ ta' waqfien tal-provvista tal-gass f'diversi Stati Membri fl-istess waqt, u l-proċeduri fil-każ ta' tnaqqis fil-ħażna ta' Stat Membru kkawżat mill-użu ta' din il-ħażna bħala kumpens skont il-prinċipju ta' solidarjetà;

Emenda 52

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Meta l-awtorità kompetenti tiddikjara xi livell ta' kriżi msemmi fil-paragrafu 1, hija għandha tinforma minnufih lill-Kummissjoni u għandha **tipprovdiha** bl-informazzjoni kollha neċessarja, b'mod partikolari bl-informazzjoni dwar l-azzjoni li hija **beħsieba** tieħu. Fil-każ ta' emerġenza li tista' tirriżulta f'sejħa għal assistenza mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha mingħajr dewmien tinnotifika liċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni għal Rispons ta' Emerġenza tal-Kummissjoni.

Emenda 53

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

5a. *Meta jkun hemm informazzjoni konkreta, serja u affidabbli li jista' jseħħ avveniment li x'aktarx jirriżulta f'deterjorament konsiderevoli tas-sitwazzjoni tal-provvista (twissija bikrija)*

Emenda

2. Meta l-awtorità kompetenti tiddikjara xi livell ta' kriżi msemmi fil-paragrafu 1, hija għandha tinforma minnufih lill-Kummissjoni u **lill-awtoritajiet kompetenti fir-reġjun u** għandha **tipprovdihom** bl-informazzjoni kollha neċessarja, b'mod partikolari bl-informazzjoni dwar l-azzjoni li hija **beħsiebha** tieħu. Fil-każ ta' emerġenza li tista' tirriżulta f'sejħa għal assistenza mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha mingħajr dewmien tinnotifika liċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni għal Rispons ta' Emerġenza tal-Kummissjoni.

f'pajjiż terz, il-Kummissjoni għandha ssegwi azzjoni esterna fir-rispett tas-sensiela ta' prijoritajiet definiti mill-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-diplomazija tal-enerġija tal-20 ta' Lulju 2015 f'kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi permezz, fost affarijiet oħra, ta' involviment f'konsultazzjonijiet, l-għoti ta' servizzi ta' medjazzjoni u l-użu ta' task forces, meta jkun neċessarju.

Emenda 54

Proposta għal regolament Artikolu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 10a

Kurituri tal-Provvista ta' Emerġenza

- 1. Mill-1 ta' Novembru 2017, l-ENTSO tal-Gass għandu jwettaq il-kompiti stipulati f'dan l-Artikolu.*
- 2. Dan għandu jwettaq simulazzjoni fl-Unjoni kollha ta' xenarji ta' interruzzjoni fil-provvista u fl-infrastruttura. Ix-xenarji għandhom jiġu definiti mill-ENTSO tal-Gass b'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu l-ENTSO tal-Gass bid-data neċessarja għas-simulazzjonijiet bħall-valuri tad-domanda massima ta' kuljum, il-kapaċità tal-produzzjoni domestika u l-miżuri min-naħa tad-domanda.*

Dan għandu jidentifika u jevalwa l-Kurituri tal-Provvista ta' Emerġenza li jikkumplimentaw l-approċċ reġjonali kif imsemmi fl-Anness I, li matulu l-gass ikun jista' jgħaddi minn reġjun għall-ieħor sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq intern tal-gass. Ir-riżultati ta' din il-valutazzjoni u l-proposta ta' Kurituri tal-Provvista ta' Emerġenza għandhom jiġu diskussi fil-Grupp ta' Koordinazzjoni

dwar il-Gass.

Dik is-simulazzjoni fl-Unjoni kollha u dawk il-Kurituri tal-Provvista ta' Emerġenza għandhom jiġu aġġornati kull tliet snin sakemm iċ-ċirkostanzi ma jehitigux aġġornamenti aktar frekwenti.

3. F'każ ta' emerġenza ddikjarata minn awtorità kompetenti waħda jew aktar, l-Istati Membri fil-Kurituri tal-Provvista ta' Emerġenza għandhom jiżguraw li l-informazzjoni essenzjali kollha tiġi pprovduta fir-rigward tal-provvista tal-gass, b'mod partikolari, il-kwantitajiet ta' gass disponibbli, il-modalitajiet possibbli u s-sorsi biex il-gass jiġi direzzjonat lejn l-Istati Membri li jkunu ddikjaraw l-emerġenza. L-Istati Membri fil-Kuritur tal-Provvista ta' Emerġenza għandhom jiżguraw li l-ebda miżura ma timpedixxi l-provvista tal-gass lill-Istati Membri li jkunu ddikjaraw l-emerġenza.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 18 biex tistabbilixxi l-Kurituri tal-Provvista ta' Emerġenza.

Emenda 55

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fuq it-talba ta' awtorità kompetenti li tkun iddikjarat emerġenza u wara l-verifika skont l-Artikolu 10(5), il-Kummissjoni tista' tiddikjara emerġenza **reġjonali** jew tal-Unjoni. Fuq it-talba ta' mill-inqas żewġ awtoritajiet kompetenti li jkunu ddikjaraw emerġenza u wara l-verifika skont l-Artikolu 10(5), u fejn ir-raġunijiet għal dawn l-emerġenzi huma relatati ma' xulxin, il-Kummissjoni għandha tiddikjara, kif xieraq, emerġenza fuq livell reġjonali jew tal-Unjoni. Fil-

Emenda

1. Fuq it-talba ta' awtorità kompetenti li tkun iddikjarat emerġenza u wara l-verifika skont l-Artikolu 10(5), il-Kummissjoni tista' tiddikjara emerġenza **fir-rigward ta' reġjun partikolarment affettwat** jew **fir-rigward** tal-Unjoni. Fuq it-talba ta' mill-inqas żewġ awtoritajiet kompetenti li jkunu ddikjaraw emerġenza u wara l-verifika skont l-Artikolu 10(5), u fejn ir-raġunijiet għal dawn l-emerġenzi huma relatati ma' xulxin, il-Kummissjoni għandha tiddikjara, kif xieraq, emerġenza

każijiet kollha, il-Kummissjoni, waqt li tuża l-mezzi ta' komunikazzjoni l-aktar xierqa għas-sitwazzjoni, għandha tiġbor l-opinjoni u tqis l-informazzjoni kollha rilevanti mill-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn. Meta din tivvaluta li l-bażi għall-emerġenza reġjonali jew tal-Unjoni ma għadhiex aktar tiġġustifika dikjarazzjoni ta' emerġenza, il-Kummissjoni għandha tiddikjara tmiem għall-emerġenza reġjonali jew tal-Unjoni. Fil-każijiet kollha, il-Kummissjoni għandha tagħti r-raġunijiet tagħha u għandha tinforma lill-Kunsill bid-deċiżjoni tagħha.

fuq livell reġjonali jew tal-Unjoni. Fil-każijiet kollha, il-Kummissjoni, waqt li tuża l-mezzi ta' komunikazzjoni l-aktar xierqa għas-sitwazzjoni, għandha tiġbor l-opinjoni u tqis l-informazzjoni kollha rilevanti mill-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn. Meta din tivvaluta li l-bażi għall-emerġenza reġjonali jew tal-Unjoni ma għadhiex aktar tiġġustifika dikjarazzjoni ta' emerġenza, il-Kummissjoni għandha tiddikjara tmiem għall-emerġenza reġjonali jew tal-Unjoni. Fil-każijiet kollha, il-Kummissjoni għandha tagħti r-raġunijiet tagħha u għandha tinforma lill-Kunsill bid-deċiżjoni tagħha.

Emenda 56

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1. Fil-kuntest tal-Unjoni tal-Enerġija futura, is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija hija ta' importanza kbira. L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw u jikkooperaw mal-ġirien tagħhom meta jiżviluppaw il-politiki tagħhom dwar l-enerġija. Il-Kummissjoni għandha, għal dan l-għan, teżamina kif l-arkitettura attwali ta' miżuri nazzjonali ta' prevenzjoni u ta' rispons għall-emerġenzi tista' tiġi simplifikata kemm fil-livell reġjonali kif ukoll fil-livell tal-Unjoni.

Emenda 57

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-ewwel subparagrafu għandu japplika għas-servizzi soċjali essenzjali u għall-installazzjonijiet tat-tisħin distrettwali sal-punt li huma koperti mid-definizzjoni ta'

L-ewwel subparagrafu għandu japplika għas-servizzi soċjali essenzjali u għall-installazzjonijiet tat-tisħin distrettwali sal-punt li huma koperti mid-definizzjoni ta'

klijenti protetti *fl-Istat Membru* rispettiv.

klijenti protetti *fir-reġjun* rispettiv.

Emenda 58

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Jekk l-Istati Membri kkonċernati ma jistgħux jilħqu qbil dwar iċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw l-issukktar tal-provvista lill-konsumaturi li mhumiex djar, servizzi soċjali essenzjali u installazzjonijiet tat-tisħin distrettwali, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta l-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass, u skont l-Artikolu 10(1), tippreżenta valutazzjoni tal-istandard tal-provvista fl-Istati Membri li ddikjaraw il-livell ta' kriżi ta' emerġenza.

Emenda 59

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. L-arranġamenti tekniċi, legali u finanzjari neċessarji għall-applikazzjoni tal-paragrafu 3 għandhom jiġu miftiehma fost l-Istati Membri li huma mqabbdin direttament ma' xulxin u deskritti fil-pjanijiet ta' emerġenza tar-reġjuni rispettivi tagħhom. **Arranġamenti bħal dawn jistgħu** jkopru, fost l-oħrajn, il-prezzijiet tal-gass li għandhom jiġu applikati, l-użu tal-interkonnetturi, inkluża **l-kapaċità** bidirezzjonali, il-volumi tal-gass u l-kopertura tal-kostijiet ta' kumpens. Miżuri bbażati fuq is-suq bħall-irkant għandhom jiġu ppreferuti għall-implimentazzjoni tal-obbligu stabbilit fil-paragrafu 3. F'każ li l-arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji neċessarji għall-applikazzjoni tal-paragrafu 3 jiġu emendati, il-pjan ta' emerġenza

4. L-arranġamenti tekniċi, legali u finanzjari neċessarji għall-applikazzjoni tal-paragrafu 3 għandhom jiġu miftiehma fost l-Istati Membri li huma mqabbdin direttament ma' xulxin u deskritti fil-pjanijiet ta' emerġenza tar-reġjuni rispettivi tagħhom. **Għal kull raggruppament reġjonali, il-Kummissjoni għandha tħejji qafas minimu għall-mekkaniżmi proposti, li** jkopru, fost l-oħrajn, il-prezzijiet tal-gass li għandhom jiġu applikati, l-użu tal-interkonnetturi, inkluża **d-disponibilità garantita tal-kapaċità** bidirezzjonali, il-volumi tal-gass u l-kopertura tal-kostijiet ta' kumpens. Miżuri bbażati fuq is-suq bħall-irkant għandhom jiġu ppreferuti għall-implimentazzjoni tal-obbligu stabbilit fil-paragrafu 3. F'każ li l-arranġamenti

rilevanti għandu jiġi aġġornat bix-xieraq.

tekniċi, legali u finanzjarji neċessarji għall-applikazzjoni tal-paragrafu 3 jiġu emendati, il-pjan ta' emerġenza rilevanti għandu jiġi aġġornat bix-xieraq. ***Il-Kummissjoni għandha tħejji mudell ta' arranġamenti ta' solidarjetà, inklużi l-klawżoli mudell, u tippubblikahom.***

Emenda 60

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-paragrafu 2 għandu japplika mill-1 ta' **Marzu 2019**.

Emenda

5. Il-paragrafu 2 għandu japplika mill-1 ta' **Ottubru 2018**.

Emenda 61

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Jekk l-Istati Membri ma jaqblux fuq l-arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji neċessarji, il-Kummissjoni ***tista' ttipproponi*** qafas għal tali miżuri fl-opinjoni u d-deċiżjoni tagħha dwar il-pjanijiet.

Emenda

6. Jekk l-Istati Membri ma jaqblux fuq l-arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji neċessarji, il-Kummissjoni ***għandha tiżviluppa*** qafas għal tali miżuri fl-opinjoni u d-deċiżjoni tagħha dwar il-pjanijiet.

Emenda 62

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 6 – punt a – punt vi

Test propost mill-Kummissjoni

(vi) kundizzjonijiet għas-sospensjoni tat-twassil ta' gass.

Emenda

(vi) kundizzjonijiet ***għan-negozjar mill-ġdid u*** għas-sospensjoni tat-twassil ta' gass.

Emenda 63

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) lill-awtorità kompetenti u lill-Kummissjoni immedjatament wara l-konklużjoni jew il-modifika tagħhom, il-kuntratti itwal minn sena (1) tal-provvista tal-gass konklużi jew modifikati wara **[OP: Please insert the date of entry in force of this Regulation]** li individwalment jew b'mod kumulattiv ma' kuntratti oħra mal-istess fornitur jew l-affiljati tiegħu jagħtu aktar minn 40% ***tal-konsum tal-gass naturali fl-Istat*** Membru kkonċernat. L-obbligu ta' notifika ma għandux japplika ***għall-modifiki relatati biss mal-prezz*** tal-gass. L-obbligu ta' notifika għandu japplika wkoll għall-ftehimiet kummerċjali rilevanti kollha għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt tal-provvista tal-gass.

Emenda

(b) lill-awtorità kompetenti u lill-Kummissjoni immedjatament wara l-konklużjoni jew il-modifika tagħhom, il-kuntratti ***mal-istess fornituri minn pajjiż terz jew mill-affiljati tiegħu, li jkunu*** itwal minn sena (1) konklużi jew modifikati wara **[ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]** li individwalment jew b'mod kumulattiv ma' kuntratti ***ta' impriżi oħra tal-gass naturali fl-istess suq*** mal-istess fornitur jew l-affiljati tiegħu ***jaqbżu l-limitu ta' 8 biljun metru kubu jew*** jagħtu aktar minn 40 % ***tat-total annwali tal-importazzjoni tal-gass minn pajjiżi terzi lill-Istat*** Membru kkonċernat. L-obbligu ta' notifika ma għandux japplika ***għall-prezz*** tal-gass. L-obbligu ta' notifika għandu japplika wkoll għall-ftehimiet kummerċjali rilevanti kollha għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt tal-provvista tal-gass. ***Għal dak il-għan, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jissorveljaw kull sena l-istruttura tal-provvista tas-suq u jinfurmaw lill-impriżi rilevanti tal-gass naturali meta jinqabeż il-limitu ta' 40 %.*** ***Din l-informazzjoni għandha tkun ikkomunikata mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju ta' kull sena għas-sena li tippreċedi s-sena li fiha l-limitu jkun ikkalkulat.***

Emenda 64

**Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 8a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8a. Fil-każ ta' identifikazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet kontradittorji għad-dritt tal-Unjoni waqt il-valutazzjoni tal-kuntratti tal-provvista tal-gass previsti skont il-punt (b) tal-paragrafu 6 u skont

il-paragrafu 7, il-Kummissjoni għandha tinforma l-entità u l-Awtorità Kompetenti rispettivi u titlob tibdil fihom billi telimina d-dispożizzjonijiet kuntrarji għad-dritt tal-Unjoni. L-entità jew l-Awtorità Kompetenti tista' tistieden lill-Kummissjoni tipparteċipa fit-taħdidiet li għandhom l-għan li jeliminaw l-inkompatibilitajiet mad-dritt tal-Unjoni.

Emenda 65

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

9a. *Il-Kummissjoni għandha tieħu kont tal-informazzjoni li tasal skont dan l-Artikolu fit-tfassil ta' lista ta' Prattiki tajba kif ukoll ta' klawsoli abbużivi għar-riferiment tal-awtoritajiet kompetenti u tal-impriżi nazzjonali.*

Emenda 66

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Ġie stabbilit Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass sabiex jiffaċilita l-koordinazzjoni tal-miżuri li **jikkonċeraw** is-sigurtà tal-provvista tal-gass. Il-Grupp għandu jkun magħmul minn rappreżentanti mill-Istati Membri, b'mod partikolari mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom, kif ukoll mill-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (l-"Aġenzija"), mill-ENTSO tal-Gass u mill-korpi rappreżentattivi tal-industrija kkonċernata u dawk ta' klijenti rilevanti. Il-Kummissjoni għandha, b'konsultazzjoni mal-Istati Membri, tiddeċiedi fuq il-kompożizzjoni tal-Grupp, filwaqt li tiżgura li huwa rappreżentattiv għalkollox. Il-

1. Ġie stabbilit Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass sabiex jiffaċilita l-koordinazzjoni tal-miżuri li **jikkonċernaw** is-sigurtà tal-provvista tal-gass. Il-Grupp għandu jkun magħmul minn rappreżentanti mill-Istati Membri, b'mod partikolari mill-awtoritajiet kompetenti, **l-awtoritajiet lokali u reġjonali** tagħhom, kif ukoll mill-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (l-"Aġenzija"), mill-ENTSO tal-Gass u mill-korpi rappreżentattivi tal-industrija kkonċernata u dawk ta' klijenti rilevanti. Il-Kummissjoni għandha, b'konsultazzjoni mal-Istati Membri, tiddeċiedi fuq il-kompożizzjoni tal-Grupp, filwaqt li tiżgura

Kummissjoni għandha tippresjedi l-Grupp. Il-Grupp għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

li huwa rappreżentattiv għalkollox. Il-Kummissjoni għandha tippresjedi l-Grupp. Il-Grupp għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

Emenda 67

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. It-tieni sentenza tal-Artikolu 3(2), l-Artikolu 3(6), l-Artikolu 4(3), (4) u (6), l-Artikolu 5(2), il-punt (d) tal-Artikolu 6(1), il-punti (b) u (e) tal-Artikolu 7(5), il-punti (e), (g), (i), tal-Artikolu 8(1), il-punt (b) u (ċ) tal-Artikolu 8(4), il-punti (j) u (m) tal-Artikolu 9(1) u 9(4), l-Artikolu 10(4), l-Artikolu 11(5) u l-Artikolu 12 għandha toħloq obbligi għall-Istati Membri lejn il-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija:

Emenda

1. It-tieni sentenza tal-Artikolu 3(2), l-Artikolu 3(6), l-Artikolu 4(3), (4) u (6), l-Artikolu 5(2), il-punt (d) tal-Artikolu 6(1), il-punti (b) u (e) tal-Artikolu 7(5), il-punti (e), (g), (i), tal-Artikolu 8(1), il-punt (b) u (ċ) tal-Artikolu 8(4), il-punti (j), (**ja**) u (m) tal-Artikolu 9(1) u 9(4), l-Artikolu 10(4), l-Artikolu 11(5) u l-Artikolu 12 għandha toħloq obbligi għall-Istati Membri lejn il-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija:

Emenda 68

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Fil-każ li jiġi applikat il-prinċipju ta' solidarjetà msemmi fl-Artikolu 12, il-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija għandhom jipprovdu l-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-viċinat b'informazzjoni suffiċjenti bi qbil mal-Artikolu 13.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Miżuri biex tiġi salvagwardjata s-sigurtà tal-provvista tal-gass
Referenzi	COM(2016)0052 – C8-0035/2016 – 2016/0030(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 7.3.2016
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	REGI 7.3.2016
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Tomasz Piotr Poręba 17.3.2016
Eżami fil-kumitat	16.6.2016
Data tal-adozzjoni	8.9.2016
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 17 –: 9 0: 6
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pascal Arimont, Franc Bogovič, Victor Boștinaru, Steeve Briois, Andrea Cozzolino, Rosa D'Amato, Michela Giuffrida, Krzysztof Hetman, Ivan Jakovčić, Marc Joulaud, Constanze Krehl, Louis-Joseph Manscour, Martina Michels, Iskra Mihaylova, Jens Nilsson, Andrey Novakov, Stanislav Polčák, Fernando Ruas, Monika Smolková, Maria Spyraiki, Ramón Luis Valcárcel Siso, Matthijs van Miltenburg, Lambert van Nistelrooij, Derek Vaughan, Kerstin Westphal, Joachim Zeller
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Olbrycht, Dimitrios Papadimoulis
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Czesław Hoc, Karol Karski, Julia Reda, Tatjana Ždanoka